MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 62/1992/1

Emmanuel, Carmelo, Antonio, u
MaryAnne mart Joseph Cordina
Ilkoll aħwa Gauci;

Carmel u Joseph aħwa Gauci,
ulied il-mejjet Giuseppe Gauci

vs

Pawlu Bajada li b'digriet tas-26 ta' Mejju 1992
Ġie nominat kuratur deputat biex jirrappreżenta
Lill-assenti Francesco Gauci, u
B'degriet tal-21 ta' Ottubru, 1999 Dr. Chris Said
Ġie nominat kuratur deputat sabiex jirrappreżenta
Lill-imsefrin Toni, Maria, Mikelina sive Lina,
Margaret, U Francesca sive Kikka aħwa Gauci,
li jiġu wlied Francesco Gauci li miet fil-mori
tal-kawża, u minflok Bajada Pawlu li miet til-mori
tal-kawża; u b'degriet tas-7 ta' Dicembru 1999
ġie kjamat fil-kawża Dr. Anton Refalo fil-

kwalita’ tieghu ta’ kuratur in rappreżentanza
ta’ l-assi ereditarji ta’ Paul Bajada; u

Carmel sive Charles Gauci li b’degriet tad-
29 ta’ Mejju, 1992 gie nominat kuratur deputat
Biex jirrappreżenta lill-assenti Salvu Gauci,
Kelinu Gauci u Maria mart Joseph Vella.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi fis-17 ta’ Jannar 1956 miet Carmelo Gauci filwaqt li martu Maria Rosa nee’ Azzopardi mietet til-11 ta’ Lulju 1971;

Illi l-konjuġi Gauci mietu t-tnejn intestati u għalhekk wirtuhom skond il-Liġi uliedhom li jiġu l-partijiet kontendenti ċioe’ Emmanuel, Carmelo, Antonio, Mary Anne mart Joseph Cordina, Francesco, Salvu, Kelinu, Maria mart Joe Vella, u Giuseppe, li miet intestat fit-13 ta’ Diċembru 1991 u wirtuh skond il-liġi l-uniċi żewġ ulied tiegħu l-atturi Carmel u Joseph aħwa Gauci;

Illi l-wirt tal-imsemmija konjuġi Gauci għadu mhux diviż bejn il-partijiet ħlief għal parti minnu li ġiet mibjugħa lil wieħed mill-partijiet kontendenti bi qbil tal-partijiet l-oħra kollha; u l-atturi ma jintiqux jibqgħu iktar fi stat ta’ indiviżjoni;

Illi l-mejjet Carmelo Gauci kien ta l-porzjoni ta’ raba hawn taħt deskritta lil ibnu l-konvenut assenti Francesco Gauci b’titolu ta’ donazzjoni in kontemplazzjoni taż-żwieġ kif hawn taħt ahjar indikat.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m’għandiex din il-Qorti:

1. Tordna l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ġia eżistenti bejn il-konjuġi Gauci billi tiddeikjara li jikkonsistu f’dawk il-beni mobbli w immobbli li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta’ din l-kawża;

2. taqsam il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata u tassenjahom waħda lill-assi partikolari tal-mejjet Carmelo Gauci u l-oħra lill-assi partikolari tal-mejta Maria Rosa Gauci;

3. Tillikwida l-assi partikolari tal-mejjet Carmelo Gauci billi tiddikjara li jikkonsisti f'njos il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidat kif ukoll f'dawk l-assi l-oħrajn kollha, mobbli w immobbli, li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawża; inkluża l-kollazzjoni hawn taħt imsemmija;

4. Tillikwida l-assi partikolari tal-mejta Giovanna Rosa Gauci billi tiddikjara li jikkonsisti f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidat u f'dawk il-beni l-oħrajn kollha, mobbli w immobbli, li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; inkluża l-kollazzjoni hawn taħt imsemmija;

5. Taqsam l-assi partikolari ta' Carmelo Gauci f'disa' porzjonijiet ugwali u tassenjahom porzjoni waħda lil kull wieħed u waħda mill-partijiet kontendenti ħlief għal ulied il-mejjet Giuseppe Gauci li għandhom jieħdu porzjoni ta' parti minn disgħa bejniethom;

6. Taqsam l-assi partikolari ta' Maria Rosa Gauci f'disa' porzjonijiet ugwali u tassenjahom porzjoni waħda lil kull wieħed u waħda mill-partijiet kontendenti ħlief għal ulied il-mejjet Giuseppe Gauci li għandhom jieħdu porzjoni ta' parti minn disgħa bejniethom;

7. Tordna lill-konvenut Francesco Gauci jġib fil-massa tal-wirtijiet rispettivi tal-imsemmija ġenituri tiegħu Carmelo u Maria Rosa konjuġi Gauci l-valur tal-porzjon ta' art imsejjħa "ta' Saguna" fil-limiti ta' Sannat, Għawdex, lilu mogħtija b'donazzjoni in kontemplazzjoni taż-żwieġ minn missieru permezz ta' att tan-Nutar Antonio Galea tal-ħamsa u għoxrin t'Awissu, elf disa' mija u sitta u erbgħin (25.8.1946);

8. Tordna l-pubblikazzjoni tal-att ta' diviżjoni fid-data, ħin u lok li dina l-Qorti tistabbilixxi; tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' diviżjoni,

tinnomina kuratur għall-enentwali kontumaċi u perit arkitett biex jagħmel pjan ta' qasma; u f'każ li d-diviżjoni tirriżulta mhux materjalment u komodament possibbli billi tordna l-bejgħ bis-subbasta tal-beni in diviżjoni.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u tar-rikors għall-ħatra ta' kuraturi biex jirrappreżentaw lill-assenti Francesco Gauci, ippreżentati fit-18 ta' Mejju 1992, kif ukoll tar-rikors għall-hatra ta' kuraturi deputati biex jirrappeżentaw lill-assenti konvenuti l-oħra Salvu, Kelinu u Maria mart Joseph Vella, aħwa Gauci; u bl-inġunzjoni minn issa stess tal-konvenuti għas-subizzjoni taghhom.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi, konfermata bil-ġurament ta' Emanuel Gauci.

Rat in-nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut Pawlu Bajada nomine li eċċepixxa illi:

1. Illi n-nomina ta' Carmel sive Charles Gauci bħala kuratur deputat biex jirrappreżenta lill-assenti Salvu Gauci, Kelinu Gauci u Maria mart Joseph Vella hija nulla u dana peress illi hemm konflitt ta' interess fis-sens illi ma jistax ikun illi l-istess Carmel sive Charles Gauci li huwa l-attur fl-istess kawża jirrappreżenta wħud mill-konvenuti;

2. Illi f'dan il-każ tapplika wkoll il-preskrizzjoni estintiva ta' tletin sena għar-rigward l-eredita' tal-mejjet Carmelo Gauci;

3. Illi, għalhekk tapplika wkoll l-istess preskrizzjoni estintiva ta' tletin sena għar-rigward kwalunkwe donazzjoni mogħtija mill-mejjet Carmelo Gauci;

4. Illi, fil-mertu u mingħajr l-ebda preġudizzju għall-premess, il-konvenut nomine ma jopponix ruħu għall-istess diviżjoni, purche' illi fl-ewwel lok jiġu verifikati l-kwoti rispettivi tal-partijiet;

5. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut nomine maħlufa minnu.

Rat id-digriet tagħha ta' l-20 ta' Novembru 1992 li bih innominat lill-avukat Dottor Mario Scerri bħala perit legali u lill-A.I.C. Robert (sic) Vella Baldacchino bħala perit tekniku.

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Diċembru 1999 fejn ordnat il-kjamata fil-kawża ta' l-avukat Dottor Anton Refalo fil-kapaċita tiegħu ta' kuratur in rappreżentanza ta' l-assi ereditarji ta' Pawlu Bajada li miet fil-mori tal-kawża.

Rat ir-riferta pożittiva ta' l-avukat Dottor Anton Refalo nomine, li minkejja li ġie notifikat biċ-ċitazzjoni in segwitu għal dan id-digriet fit-22 ta' Diċembru 1999, għażel li jibqa' kontumaċi.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjoniijiet ta' l-avukat Dottor Chris Said nominat kuratur sabiex jirrappreżenta l-imsiefrin Toni, Maria, Michelina sive Lina, Margaret u Francesca sive Kikka Gauci, bħala eredi ta' Francesco Gauci li miet fil-mori tal-kawża, u li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi huwa mhuwiex edott mill-fatti li taw lok għal dina l-kawża u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi miġjuba.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut nomine minu maħlufa.

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Mejju 2000 li bih issostitwiet lill-avukat Dottor Mario Scerri u lill-A.I.C. Godfrey Vella Baldacchino bl-avukat Dottor Joseph Ellis u l-A.I.C. Edward Scerri bħala perit legali u perit tekniku rispettivament.

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali Dottor Joseph Ellis li ġiet ippreżentata fit-18 ta' Novembru 2005 u minnu maħlufa fis-17 ta' Marzu 2005.

Rat il-verbal tagħha tas-6 ta' Gunju 2008 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi talbu l-likwidazzjoni u diviżjoni tal-beni formanti parti l-assi ereditarji tal-ġenituri tagħhom u tal-konvenuti, kif rappreżentati.

Illi l-konvenut Pawlu Bajada nomine eċċepixxa preliminarjament illi n-nomina ta' l-attur Carmel Gauci bħala kuratur biex jirrappreżenta lil uħud mill-konvenuti assenti minn dawn il-gżejjer hija nulla minħabba konflitt ta' interess. Imma, kif tajjeb qal il-perit legali fir-relazjoni tiegħu, f'kawżi ta' din ix-xorta, mhux neċessarjament li jkun hemm konflitt ta' nteress bejn l-atturi u l-konvenuti kollha. Anzi ħafna drabi, kif irriżulta wkoll fil-kawża preżenti, dan l-interess huwa identiku, u ma kien hemm xejn ħażin fil-fatt li l-attur Carmel Gauci aċċetta l-bandu biex jidher għal uħud minn ħutu msiefrin f'din il-kawża. Din l-eċċezzjoni qed tiġi għalhekk minnufih miċħuda.

Fil-mertu mbagħad, irrizulta mill-provi illi l-beni mmobbli kollha li kellhom il-konjuġi Carmelo u Maria Rosa Gauci fl-epoka tal-mewt tagħhom, ġew mibjugħa mill-eredi tagħhom lil uħud mill-aħwa stess. Beni mobbli, flus u assi oħra ma rriżultawx. Deher biss li l-atturi kienu qed jippretendu li l-konvenut Francesco Gauci jġib lura għall-qasma il-valur ta' biċċa raba' li kienet ingħatat lilu b'donazzjoni mill-ġenituri tiegħu fl-okkażjoni taż-żwieġ tiegħu fl-1946.[1] Billi l-konjuġi Gauci mietu t-tnejn intestati, ma seta' kien ma kien hemm ebda eżenzjoni mill-obbligu tal-kollazzjoni, u għalhekk l-atturi kellhom dritt jitolbu li l-valur ta' din ir-raba jinġieb għall-qasma.

[1] Ara Dok. A anness mac-citazzjoni; kopja ta' kuntratt in atti Nutar Antonio Galea tal-25 ta' Awwissu 1946 a fol. 11 - 20 tal-process .

Madankollu l-konvenut Pawlu Bugeja nomine eċċepixxa l-preskrizzjoni estintiva ta' tletin sena fir-rigward tat-talba għall-qasma tal-beni formanti parti l-eredita' ta' Carmelo Gauci. Id-decujus miet fis-17 ta' Jannar 1956, meta din il-kawża ġiet intavolata fl-20 ta' Mejju 1992, aktar minn sitta u tletin sena wara. Wieħed irid jara għalhekk kienx hemm xi interuzzjoni, sospensjoni jew rinunzja ta' din il-preskrizzjoni, biex ma tkunx tapplika tali eċċezzjoni.

Il-perit legali rrelata li din l-eċċezzjoni kellha tiġi miċħuda għal żewġ raġunijiet:

(i) il-preskrizzjoni kienet ġiet rinunzjata minn Francesco Gauci stess, li skond tnejn minn ħutu, kien diversi drabi aċċetta li jġib lura l-valur ta' din l-għalqa fl-okkażżjoni tal-qasma tal-beni tal-ġenituri tiegħu; u

(ii) id-difensur tiegħu stess kien ammetta l-pretensjoni ta' l-atturi meta ffirma n-nota dwar il-valur ta' l-għalqa li kellu jinġieb lura għall-qasma.[2]

Din il-Qorti pero' ma taqbel xejn ma tali konklużjoni, l-ewwelnett għaliex, in vista tal-mewt ta' Francesco Gauci fil-mori tal-kawża, dan ma kienx f'pożizzjoni jirribatti dak li kienu qed jallegaw uħud minn ħutu dwar tali allegata rinunzja; u mbagħad għaliex in-Nota msemmija ma tista' qatt tittieħed bħala aċċettazzjoni tal-pretensjoni ta' l-atturi. Apparti l-fatt li dik in-Nota saret biss għal skopijiet ta' tassazzjoni, lanqas ma jidher li Dottor Refalo ffirma għall-konvenuti kollha, peress li dakinhar li saret, ulied Francesco Gauci kienu qed jiġu rappreżentati minn kuratur ta' l-elenku. F'tali ċirkostanzi l-Qorti ma tistax taċċetta l-preskrizzjoni trentennali mogħtija f'dan ir-rigward bħala rinunzjata, u din l-eċċezzjoni qed tiġi milqugħa. Għaldaqstant jibqa' biss x'jinġieb fil-massa ereditarja, sehem Maria Rosa Gauci, jekk kien hemm, minn din ir-raba.

Mill-provenjenza mogħtija fuq il-kuntratt ta' donazzjoni (dota) in kwistjoni, jirriżulta illi din ir-raba kienet ġiet

[2] ara Nota a fol. 157 tal-process .

akkwistata minn Carmelo Gauci kwantu għal seba' ottavi (7/8) indiviżi mill-poter ta' ħutu, permezz ta' diversi kuntratti in atti nutar Francesco Refalo tas-26 ta' Frar, 10 ta' Marzu u 13 ta' Marzu 1941, u għalhekk naturalment matul iż-żwieġ tiegħu. Il-wieħed minn tmien (1/8) parti ndiviża l-oħra pperveniet lilu mill-wirt tal-ġenituri tiegħu.[3] Jiġi għalhekk li sehem martu minn din ir-raba, bħala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti, kien biss ta' seba' minn sittax (7/16) il-parti ndiviża.

Niġu issa għalhekk għall-kwantifikazzjoni tal-**valur** ta' sehem Maria Rosa Gauci minn din id-donazzjoni għall-iskopijiet tal-kollazzjoni meħtieġa. A tenur ta' l-artikolu 931 (1) tal-Kap. 16, il-kollazzjoni **"ssir billi jingħad akkont ta' sehem id-donatarju l-valur tal-ħaġa fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni.**" Imma peress illi din ir-raba kienet ġiet sussegwentement mibjugħa lil terzi għall-prezz ta' ħamest elef lira maltija (Lm5000), kif jirriżulta mill-kopja ta' kuntratt in atti Nutar Dottor Paul Pisani tas-7 ta' Mejju 1992,[4] għandu jiġi fis-seħħ is-subinċiż (3) ta' l-istess artikolu tal-liġi, li jgħid illi: "**Meta l-ħaġa tkun ġiet trasferita b'titolu oneruż mid-donatarju, il-valur li għandu jiġi konferit għandu jkun il-korrispettiv li d-donatarju jkun irċieva għall-ħaġa trasferita jew il-valur tal-ħaġa fiż-żmien tat-trasferiment, skond liema valur ikun l-ogħla**." Naturalment il-valur mogħti fl-1992 kien ferm ogħla dak indikat fl-1946, u għalhekk għall-fini ta' din il-kollazzjoni għandu jittieħed il-valur ta' Lm5000. Billi Maria Rosa Gauci, kif ingħad, kellha biss 7/16 indiviżi minn din ir-raba, jiġi li is-somma konferita fil-massa ereditarja għandha tkun ta' elfejn mija seba' u tmenin lira maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm2187.50). Peress illi l-kontendenti kienu disa' aħwa, jiġi li kull wieħed/waħda mill-eredi tal-mejtin Carmelo u Maria Rosa konjuġi Gauci imissu 1/9 minn din is-somma, u ċioe': Lm243.06. Billi rriżulta li r-rikavat mill-bejgħ ta' din l-għalqa ġie sekwestrat f'idejn Pawlu Bugeja,[5] il-kjamat in kawża Dottor Anton Refalo nomine u l-eredi ta' Francesco Gauci, kif rappreżentati, għandhom, *in solidum* bejniethom, iħallsu

[3] ara kopja tal-kuntratt relattiv a fol. 17, 18 tal-process .
[4] Dok. B a fol. 21 - 22 tal-process .
[5] ara Rikors ta' l-atturi tas-27 ta' Settembru 1999 .

din is-somma lil kull wieħed/waħda mill-eredi l-oħra tal-mejtin Carmelo u Maria Rosa Gauci, jew lil uliedhom bejniethom, skond il-każ.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Pawlu Bugeja nomine dwar in-nullita' tan-nomina ta' Carmel Gauci bħala kuratur, tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni trentennali ta' l-istess konvenut nomine u:

1. tiddikjara li t-talbiet għall-likwidazzjoni u diviżjoni tal-beni formanti parti l-assi partikolari ta' l-imsemmi Carmelo Gauci huma kolpiti b'din l-eċċezzjoni;

2. tiddikjara li l-uniċi assi formanti parti l-komunjoni ta' l-akkwisti ġia eżistenti bejn il-konjuġi Carmelo u Maria Rosa Gauci, li għadu għall-qasma bejn il-kontendenti, huwa l-valur tas-sehem ta' sebgħa minn sittax (7/16) il-parti ndiviżi li Maria Rosa Gauci kellha mill-biċċa raba li kienet ġiet mogħtija b'donazzjoni lil binhom Francesco Gauci fl-okkażżjoni taż-żwieġ tiegħu fis-sena 1946, liema valur għandu jiġi kollazzjonat fil-massa ereditarja tagħha;

3. tiddikjara dan il-valur fis-somma ta' Lm2187.50;

4. konsegwentement tordna lill-Dottor Anton Refalo nomine fil-kwaltita' tiegħu ta' kuratur in rappreżentanza ta' l-assi ereditarji ta' Pawlu Bajada u lill-konvenut nomine Dottor Chris Said, in rappreżentanza ta' l-eredi ta' l-imsemmi Francesco Gauci sabiex *in solidum* bejniethom iħallsu lill-kontendenti l-oħra, u ċioe' lill-atturi Emanuel Gauci, Carmelo Gauci, Antonio Gauci, Mary Anne Cordina, u lill-konvenuti Salvu Gauci, Kelinu Gauci u Maria Vella, kif rappreżentati, s-somma ta' Lm243.06 jew aħjar illum: EUR566.33 kull wieħed/waħda, u lill-atturi Carmel u Joseph aħwa Gauci, ulied il-mejjet Giuseppe Gauci s-somma ta' Lm121.53, jew aħjar illum EUR283.16 kull wieħed;

5. tiċħad it-talbiet l-oħra billi mhux il-każ.

L-ispejjeż tal-kawża, billi din hija waħda għad-diviżjoni, għandhom jiġu ssoportati mill-kondividenti kollha, skond is-sehem rispettiv tagħhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------